

# Il-Ġid Komuni

**Onorevoli Evarist Bartolo**
*Ministru għall-Edukazzjoni u x-Xogħol*

Illum ngħixu f'ħajja mgħaġġla ħafna iktar minn dik tal-antik. Dinja li tridna l-ħin kollu nkunu preżenti. Il-modern dejjem ibiddel l-antik, imma ċertu affarijiet mhux dejjem għall-aħjar. Hemm valuri li nistgħu nieħdu 'l quddiem u nrawmu l-ġenerazzjoni l-ġdida fihom. Hemm valuri sbieħ li l-festa tpoġġi fuq pedestall. Valuri li naħdmu flimkien għall-ġid tal-komunità, ir-rispett lejn xulxin u l-għaqda fost persuni li jgħixu flimkien. L-attivitajiet relatati mal-festa jġibu nies minn kull qasam tal-ħajja flimkien, b'għan wieħed. Ma jagħmluhx għal gwadann personali iżda għall-ġid ta' kulħadd. Dawn huma affarijiet sbieħ li għandna nuru dejjem iżjed apprezzament lejhom.

Huwa faċli tifred fid-dinja tal-lum iżda għandna ħafna għaqda fostna. Ngħixu f'pajjiż ċkejken u għandna naħdmu flimkien għall-ġid komuni. Dak li jagħmilna dak li aħna, u huma l-valuri li għandna ngħaddu lit-tfal tagħna.

Il-Festa t-tajba!

